

Domandi preliminari

- 1) L-istituzzjoni ta' Stat li tkun ħarġet il-formularju A1 u li *ex officio* – mingħajr talba mill-istituzzjoni kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat – ikollha l-intenzjoni li tannulla, tirrevoka jew tinvalida l-formularju maħruġ, hija obbligata twettaq proċedura ta' konċiljazzjoni mal-istituzzjoni kompetenti tal-Istat Membru l-ieħor abbażi tar-regoli analogi għal dawk li japplikaw skont l-Artikoli 6 u 16 tar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 987/2009 tas-16 ta' Ġunju 2009 li jstabbilixxi l-proċedura għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 dwar il-koordinazzjoni tal-iskemi ta' sigurtà soċjali (*)?
- 2) Il-proċedura ta' konċiljazzjoni għandha titwettaq qabel l-annullament, ir-revoka jew l-invalidar tal-formularju maħruġ, jew inkella dan l-annullament, revoka jew invalidar huwa ta' natura preliminari u provviżorja (Artikolu 16(2)), li jsir finali fil-każ fejn l-istituzzjoni kkonċernata tal-Istat Membru ma tesprimix oġġezzjoni jew l-opinjoni differenti tagħha dwar din il-kwistjoni?

(*) ĠU 2009, L 284, p. 1.

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mis-Supremo Tribunal Administrativo (il-Portugall)
fit-30 ta' Ġunju 2022 – Autoridade Tributária e Aduaneira vs HPA – Construções SA**

(Kawża C-433/22)

(2022/C 380/04)

Lingwa tal-kawża: il-Portugiż

Qorti tar-rinviju

Supremo Tribunal Administrativo

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Autoridade Tributária e Aduaneira

Konvenut: HPA – Construções SA

Domanda preliminari

Il-punt 2 tal-Anness IV tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (*), jipprekludi dispożizzjoni nazzjonali li ttiprovdi li r-rata mnaqqsa tal-VAT tista' tiġi applikata biss għal kuntratti ta' xogħlijiet ta' tiswija u rinnovazzjoni ta' proprjetà immobbli f'residenzi privati li fihom ikunu qed jgħixu n-nies fil-mument meta dawn ix-xogħlijiet ikunu qed iseħħu?

(*) ĠU 2006, L 347, p. 1, rettifika fil-ĠU 2007, L 335, p. 60.

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa min-Naczelny Sąd Administracyjny (il-Polonja) fil-5 ta' Lulju
2022 – P sp. z o.o. vs Dyrektor Izby Administracji Skarbowej w Lublinie**

(Kawża C-442/22)

(2022/C 380/05)

Lingwa tal-kawża: il-Pollakk

Qorti tar-rinviju

Naczelny Sąd Administracyjny

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: P sp. z o.o.